# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



## IT-TLIETA, 25 TA' LULJU
## TALB U TĦEJJIJA GĦALL-FESTA

**6.00pm** Mota Solenni li tħabbar il-bidu tal-festa.

**6.30pm** Talb quddiem is-Santissimu Sagrament.

**7.00pm** Quddiesa minn Dun Charles Buttigieg, Vigarju Parrokkjali.

**7.30pm** Laqgħa ta' talb quddiem Ġesù Ewkaristija bi tħejjija għall-festa, biex din tiġbed lil kulħadd, l-aktar dawk imbegħdin, għall-għaqda m'Alla u ma' xulxin. Imexxi t-talb Patri Marcello Ghirlando OFM bis-sehem ta' Mario Caruana. Hija mistiedna l-komunità parrokkjali kollha, fosthom l-għaqdiet reliġjużi, gruppi oħra u kulmin jgħin fl-organizzazzjoni tal-festa.

## JUM IL-ĦRUĠ TAL-ISTATWA

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



### L-ERBGĦA, 26 TA' LULJU
### IS-SEBA' ERBGĦA TA' SAN ĠUŻEPP
### ĦRUĠ TAL-ISTATWA

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp u kurunella.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Edward Xuereb u animata mill-Għaqda Mużikali '*Ite ad Joseph*', Banda tal-Qala, li tniedi l-festa fuq linji ta' *outreach* skont il-Pjan Pastorali Djoċesan.
Mistiedna n-nies kollha tal-Qala u l-Qalin li jgħixu 'il barra mill-Parroċċa, speċjalment l-adolexxenti u ż-żgħażagħ.
Wara Ħruġ tal-istatwa ta' San Ġużepp min-niċċa f'atmosfera ta' talb u kant animat mill-Kor Parrokkjali *San Ġużepp*.
Issir l-aħħar ġabra għall-festa.

**8.15pm** Marċ mill-Banda *'Ite ad Joseph'* madwar il-Pjazza prinċipali, wara li tkun laqgħet l-Istatwa ta' San Ġużepp fuq iz-zuntier.

## L-EWWEL JUM TAN-NOVENA

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



### IL-ĦAMIS, 27 TA' LULJU
### L-EWWEL JUM TAN-NOVENA
### IT-TFAL U L-ADOLEXXENTI

**6.30pm** Talb quddiem is-Santissimu Sagrament.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni mill-Kappillan tal-Parroċċa tal-Qalb ta' Ġesu' tal-Fontana, il-Kan. Dun Simon Mario Cachia. Mistiedna t-tfal u l-adolexxenti kollha. Wara t-tqarbin issir il-preżentazzjoni tat-trabi u t-tfal lill-Patrijarka San Ġużepp. Janima l-kant il-kor tat-tfal u l-adolexxenti.

**8.30pm** Fun games għat-Tfal u l-Adolexxenti fil-Pjazza organizzati miż-Żgħażagħ tal-Parroċċa.

## IT-TIENI JUM TAN-NOVENA

PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



### IL-ĠIMGĦA, 28 TA' LULJU
### IT-TIENI JUM TAN-NOVENA
### JUM IL-FAMILJA U L-25 SENA ANNIVERSARJU SAĊERDOTALI TA' DUN MICHAEL SAID

**6.30pm** Talb quddiem is-Santissimu Sagrament.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni minn Dun Michael Said li fiha jfakkar il-25 sena anniversarju tal-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Mistiedna ukoll il-miżżewġin kollha partikularment dawk li qed irabbu, kif ukoll l-għarajjes kollha. Stedina partikulari lill-miżżewġin li qed jagħlqu 60, 50 u 25 sena taż-żwieġ tagħhom. Janima l-kant il-grupp taż-żgħażagħ.

**8.30pm** BBQ Rally quddiem iċ-ċentru parrokkjali organizzat mill-Għaqda tal-Briju San Ġużepp għall-Qalin kollha.

IT-TIELET JUM TAN-NOVENA

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



## IS-SIBT, 29 TA' LULJU
## IT-TIELET JUM TAN-NOVENA
## JUM IL-VOKAZZJONIJIET U SAĊERDOTI

**6.30pm** Talb quddiem is-Santissimu Sagrament.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni mis-Saċerdot Novell Dun Matthew Bajada bis-sehem tal-Grupp tal-Abbatini tal-Parroċċa. Janima l-kant Clayton u Joe Buttigieg.

**8.30pm** Tombla u High Tea fil-pjazzetta organizzata mill-Grupp tal-Fundraising tal-Parroċċa.

**IR-RABA' JUM TAN-NOVENA**

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



## IL-ĦADD, 30 TA' LULJU
## IR-RABA' JUM TAN-NOVENA
## FESTA TA' SAN ĠUŻEPP GĦAT-TFAL
## U JUM IL-MORDA

*Quddies fis-6.00am u fit-8.30am.*

**9.30am** Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċipriet bis-sehem tat-tfal kollha. Janima l-kant il-grupp taż-żgħażagħ. Wara l-quddiesa, issir dimostrazzjoni bl-istatwa ta' San Ġużepp merfugħa mit-tfal li titlaq mill-Pjazza Ewlenija, għal Triq San Franġisk, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza Isqof Buttigieg, Triq 28 t'April u tispiċċa mill-ġdid fil-Pjazza Ewlenija.

**5.00pm** Talb quddiem is-Santissimu Sagrament.

**5.30pm** Quddiesa mmexxija mill-Kan. Anton Attard, kappillan tal-isptar. Jingħata s-sagrament tal-Griżma tal-Morda lill-morda u anzjani minn 60 sena'l fuq, li qabel jirċevuha huma mħeġġa ħafna biex jersqu għall-qrar. Niskopru aktar u ngħixu s-sagramenti tal-fejqan!

**7.30pm** Tombla u Higha Tea organizzat mill-Grupp tal-Fundraising fil-Pjazzetta.

**IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA**

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



## IT-TNEJN, 31 TA' LULJU
## IL-ĦAMES JUM TAN-NOVENA
## JUM IL-KATEKEŻI U L-KELMA TA' ALLA

**6.30pm** Rużarju ta' San Ġużepp u kurunella.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċipriet li fiha jingħataw is-Sagramenti tal-Inizjazzjoni Nisranija lill-Familja Meißner-Sternberg. Mistiedna r-residenti barranin fil-Qala, kif ukoll il-katekisti kollha u dawk kollha li jattendu l-laqgħat fil-għaqdiet u tal-katekeżi tal-adulti. Ikanta l-Kor Parrokkjali San Ġużepp.

**8.30pm** Tombla u High Tea fil-Pjazza organizzat mill-Għaqda tal-Armar, kif ukoll attività għat-tfal.

**IS-SITT JUM TAN-NOVENA**

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



## IT-TLIETA, 1 TA' AWWISSU
## IS-SITT JUM TAN-NOVENA
## JUM IL-KARITÀ

**6.30pm** Talb quddiem is-Santissimu Sagrament.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni minn Dun Krystof Buttigieg Delegat tal-Isqof għall-Katekeżi u Vigarju Parrokkjali tal-Parroċċa ta' Santa Marija Assunta taż-Żebbuġ. Mistiedna lkoll inġibu oġġetti tal-ikel u l-karita' għall-familji foqra.

**9.00pm** Kunċert Mużikali imtella' mill-Banda *'Ite ad Joseph'* fil-Pjazza ewlenija, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Mark Gauci.

## L-EWWEL JUM TAT-TRIDU

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



**L-ERBGĦA, 2 TA' AWWISSU**
**L-EWWEL JUM TAT-TRIDU SOLENNI**
**JUM IL-VOLONTARJAT**

**6.30pm** Kant tal-Għasar Solenni.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Vigarju Parrokkjali Dun Charles Buttigieg li tiftaħ tlett ijiem solenni ta' talb u katekeżi liturġika dwar il-Patrun tal-Knisja minn Dun Charles Sultana Kap tal-Iskola Sekondarja tas-Seminarju Minuri tal-Qalb ta' Ġesu'. L-Orkesta tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Frankie Debono. Wara, Antifona u Barka Sagramentali minn Dun Charles Buttigieg.

**9.00pm** Ikla Kbira tal-Festa organizzata mill-Parroċċa fil-Pjazza prinċipali, bl-akkumpanjament ta' Band mużikali , attivitá b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex.

**IT-TIENI JUM TAT-TRIDU**

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



## IL-ĦAMIS, 3 T'AWWISSU
## IT-TIENI JUM TAT-TRIDU SOLENNI
## JUM L-EMIGRANTI, IL-QALIN LI JGĦIXU BARRA MILL-PARROĊĊA,U R-RESIDENTI BARRANIN

| | |
|---|---|
| **6.30pm** | Kant tal-Għasar Solenni. |
| **7.00pm** | Konċelebrazzjoni Solenni tat-Tieni Jum tat-Tridu mmexxija mill-Vigarju Parrokkjali Dun Michael Said bl-omelija minn Dun Charles Sultana. Wara, Antifona u Barka Sagramentali minn Dun Michael Said. |
| **8.45pm** | Riċeviment għall-emigranti Qalin u għall-Qalin li jgħixu barra mill-parroċċa kif ukoll residenti barranin offrut mill-Arċipriet fiċ-Ċentru Parrokkjali. |
| **9.30pm** | Marċ brijuż mill-Banda *'Ite ad Joseph'* tal-Qala li jitlaq minn Triq in-Nigret, Triq Anton Buttigieg, Triq Ġanni Vella, Triq in-Nigret, Triq Salvu Attard, Triq Anton Buttigieg, Triq l-Isqof Cagliares, Triq 30 t'Ottubru, Triq il-Kunċizzjoni, Pjazza San Ġużepp u Triq 28 t'April. Il-marċ jagħlaq bit-tlugħ tal-istatwa ta' San Ġużepp fuq il-pedistall fi Pjazza l-Isqof Buttigieg. |
| **12.15am** | Jittella' Feature mill-Għaqda Briju San Ġużepp. |

**IT-TIELET JUM TAT-TRIDU**

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



## IL-ĠIMGĦA, 4 TA' AWWISSU IT-TIELET JUM TAT-TRIDU SOLENNI JUM L-GĦAQDIET SOĊJALI, SPORTIVI U RIKREATTIVI

**6.30pm** Kant tal-Għasar Solenni.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Solenni tat-Tielet Jum tat-Tridu mmexxija minn Dun Gabriel Vella Vigarju Parrokkjali tal-Parroċċa tas-Santo Volto di Gesu' ġewwa Ruma, bl-omelija minn Dun Charles Sultana. Wara, Antifona u Barka Sagramentali minn Dun Gabriel Vella.

**9.30pm** Dimostrazzjoni bl-Istatwa ta' San Ġużepp, akkumpanjata mill-Banda *'Ite ad Joseph'* tal-Qala li titlaq mill-Pjazza ewlenija, għal Triq in-Nadur, Triq ir-Rebħa, Triq l-Isqof Buttigieg, Pjazza Isqof Buttigieg, Triq 28 t'April u tispiċċa mill-ġdid fil-Pjazza prinċipali. Waqt it-tlugħ tal-istatwa fuq il-pedistall fil-Pjazza jindaqq l-Innu Popolari *Lill-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp Patrun tal-Qala*, mużika ta' Mro Vincenzo Ciappara u versi tal-poeta Għawdxi Ġorġ Pisani. Wara titelgħa is-show '*Shades of Light*,' spettaklu ta' dawl u nar sinkronzzati mall-mużika mtella' mill-Għaqda Briju San Ġużepp.

## VĠILI TAS-SOLENNITÁ TA' SAN ĠUŻEPP

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



### IS-SIBT, 5 TA' AWWISSU
### TMIEM IN-NOVENA MQADDSA
### JUM L-BENEFATTURI ĦAJJIN U MEJTIN

**7.00am** Quddiesa mmexxija minn Dun Charles Buttigieg. Wara t-Tqarbin jitkanta *Te Deum* f'għeluq in-Novena.

### VĠILI TAS-SOLENNITÀ TA' SAN ĠUŻEPP

**5.45pm** Marċ mill-Banda *'Ite ad Joseph'* tal-Qala li jibda minn Triq it-Tempju, jgħaddi minn Triq Grunju, Pjazza Repubblika u Triq San Ġużepp, u wara jakkumpanja t-Translazzjoni Solenni minn ħdejn il-Kappella tal-Museum għall-Knisja Arċipretali.

**7.00pm** Translazzjoni Solenni tar-Relikwija ta' San Ġużepp immexxija mill-Arċipriet Mons Edward Xuereb mill-Kappella tal-Museum għall-Knisja Arċipretali li fiha tieħu sehem il-Fratellanza ta' San Ġużepp tal-Qala u l-Fratellanzi oħra tal-parroċċa. Waqt id-dħul Solenni tat-Translazzjoni fis-Santwarju Arċipretali, jindaqqu l-Innu u l-Antifona. Eżatt wara, Konċelebrazzjoni Solenni ta' Lejliet is-Solennità mmexxija mill-Arċipriet. Antifona fi tmiem il-quddiesa.

**9.30pm** Marċ ta' lejliet il-festa mill-Banda *Victory* tax-Xagħra li jibda minn Triq il-Belvedere sal-Pjazza fejn tkompli ddoqq marċi brijużi.

**12.00am** Fi tmiem il-marċ titella' wirja spettakolari u unika ta' Logħob tan-Nar tal-Art mill-Kumitat tan-Nar tal-Festa.

**JUM IL-FESTA**

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



## IL-ĦADD, 6 TA' AWWISSU
## JUM IL-KOMUNITÀ PARROKKJALI

*Quddies fis-6.00am, 8.00am, 9.00am, 11.00am u fil-5.30pm.*

**9.00am** Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-Emm.T. il-Kardinal Mons. Mons. Mario Grech, imwieled u mgħammed fil-parroċċa tagħna, fejn jagħmel l-omelija tal-okkażjoni li fiha jwassalna l-messaġġ tiegħu bħala Segretarju Ġenerali tas-Sinodu tal-Isqfijiet.

**11.00am** Quddiesa ċċelebrata minn Dun Michael Said, bis-sehem tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ.

**12.00pm** Marċ popolari u brijuż mill-Banda *Prekursur* tax-Xewkija li jibda minn Triq Patri Ġużepp Portelli, Triq l-Imġarr, Pjazza Isqof Mikiel Franġisk Buttigieg, Triq 28 t'April 1688, u jintemm fil-Pjazza Ewlenija. Fit-tmiem il-marċ titella' show tal-karti sinkronizzata mal-mużika bl-isem '*Symphony of Colours*' imtella' mill-Għaqda Briju San Ġużepp.

**5.30pm** Quddiesa mmexxija minn Dun Charles Buttigieg.

**6.30pm** Kant tat-Tieni Għasar tas-Solennità bil-Malti mill-Kleru tal-Parroċċa flimkien mal-ġemgħa liturġika, ippresedut mill-Arċipriet Mons. Edward Xuereb.

**7.20pm** Ħruġ Solenni tal-Istatwa devota ta' San Ġużepp u Purċissjoni mmexxija minn mill-Arċipriet flimkien mal-Kleru tal-Parroċċa u l-Fratelli tal-Parroċċa tal-Qala kif ukoll il-Fratelli tal-Parroċċa tal-Isla. Il-Banda *'Ite ad Joseph'* tal-Qala taħt id-direzzjoni tal-Mro. Mark Gauci tilqa' u ssellem lil San Ġużepp bl-Innu Popolari *lill-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp Patrun tal-Qala* u bl-Innu l-Kbir *A San Giuseppe* ta' Mro. Indri Borg bis-sehem tal-Kor Parrokkjali *San Ġużepp*. Wara, l-istess Banda takkumpanja l-Purċissjoni Solenni bid-daqq ta' innijiet reliġjużi. Waqt il-Purċissjoni jiġi reċitat talb wara l-Istatwa. Fil-Pjazza ewlenija l-Banda *Santa Margerita* Ta' Sannat tanima l-atmosfera b'marċi tal-festa.

**10.00pm** Dħul Solenni tal-istatwa Titulari ta' San Ġużepp akkumpanjat minn spettaklu ta' logħob tan-nar tal-ajru u mill-kant tal-Innu Popolari *lill-Glorjuż Patrijarka San Ġużepp Patrun tal-Qala* akkumpanjat mill-Banda *'Ite ad Joseph'* tal-Qala u mill-Banda 'Santa Margerita' Ta' Sannat.

**10.15pm** Fil-knisja, tindaqq l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali u jsir messaġġ konklussiv.

**JUM L-INKURUNAZZJONI**

# PROGRAMM TAL-FESTA TA' SAN ĠUŻEPP 2023



## IT-TLIETA, 8 TA' AWWISSU
## 52 SENA TAL-INKURUNAZZJONI TAL-KWADRU TITULARI

Appell lil kulħadd biex ngħinu fiż-żarmar tal-armar intern kif ukoll estern tal-festa.

**7.00pm** Konċelebrazzjoni Ewkaristika ta' Radd il-Ħajr mill-Kleru tal-Parroċċa, bil-kant tat-*Te Deum*. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali *San Ġużepp*. Wara jsir id-dħul tal-istatwa ta' San Ġużepp fin-niċċa.

**8.00pm** Ħarġa bit-Trackless Train għax-Xlendi u Marsalforn fejn nieqfu għal ftit mistrieħ